

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.6525 – SESA/Disa/SAE/JV)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/C 135/11)

1. Fis-26 ta' April 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Shell España SA ("SESA", Spanja, li fl-aħħarnett hijaa kkontrollata minn Royal Dutch Shell ("Shell", Ir-Renju Unit)) u Disa Corporación Petrolífera SA ("Disa", Spanja) jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-impriża Shell Aviation España S.L. ("SAE", Spanja, li bħalissa hija kkontrollata unikament minn Shell), permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitàjiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Shell: esplorazzjoni, produzzjoni u bejgħ globali ta' żejt u ta' gass naturali, produzzjoni u bejgħ ta' prodotti taż-żejt u ta' kimiki, inkluż lubrikanti u fjuwils tal-avjazzjoni, ġenerazzjoni ta'elettriku u produzzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli,

— għal Disa bejgħ, imħażen, ħażna u servizzi loġistiċi ta' trasport għal fjuwils tal-awtomotivi u gass likwifikat miż-żejt (LPG), trasport marittimu ta' prodotti taż-żejt fil-Gżejjer Kanarji, servizzi industrijali u kostruzzjoni,

— għal SAE: kummerċjalizzazzjoni tal-fjuwils tal-avjazzjoni fi Spanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6525 – SESA/Disa/SAE/JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").